## Press Release

Community and Media Relations Unit (CMRU)
Malta Police General Headquarters
Floriana CMR 02
Tel.: (00356) 2294 2667/8 Fax: (00356) 21242223
e-mail: cmru.police@gov.mt

**DATE:** 13 ta' Marzu, 2007

**TO:** All Media
**FROM:** Community and Media Relations Unit

**Zewg Hold-ups solvuti mill-Pulizija**

Wara jiem ta sorveljanza li ghamlet il-Pulizija matul hinijiet varji tal-gurnata waslu sabiex taw il-frott taghhom meta l-Pulizija solviet zewg Hold-Ups li sehhew fuq zewg spizeriji, wahda f'Rahal Gdid u l-ohra gewwa Santa Lucija.

Waqt wahda mir-rondi li kienu qed isiru fil-hinijiet ta' l-gheluq tal-hwienet, il-Pulizija waqfet zaghzugh ta' 24 sena li hekk kif dan ra l-Pulizija riesqa fid-direzzjoni tieghu harab jigri minn fuq il-post. Wara li z-zaghzugh gie mitkellem mill-Pulizija, minn taht karozza kienet elevata arma bil-ponta u li taqta'.

Iz-zaghzugh gie mizmum mill-Pulizija fejn qieghed jghinha fl-investigazzjonijiet taghha. Minn aktar indagni li saru, z-zaghzugh mistenni jitressaq il-Qorti fil-jiem li gejjien in-konnessjoni maz-zewg Hold-Ups.

Aktar investigazzjonijiet tal-Pulizija ghadhom ghaddejin.

Wps93 Carol Fabri
CMRU